# IL-QARĊILLA, IN-NUTAR U L-ĦUTTAB

George Cilia

**Xi tfisser il-kelma Qarċilla? Riedu jkunu l-festi karnivaleski ta' din is-sena (2014) li reġgħu rxuxtaw din tal-Qarċilla. Hemm aktar minn interpretazzjoni waħda x'niddiskutu fuq dan is-suġġett. Il-folklorista ewlieni Ġużè Cassar Pullicino jikteb hekk:**

*Il-Qarċilla hija ftira kbira li fuqha ssib figura ta' għarus u għarusa tal-ħelu, maktur ġo ċestin imwaqqaf f'għamla ta' torri u fuqu xbieha tal-Madonna, ta' San Ġużepp jew Bambin, u taħtu u madwaru mimli konfetti, perlini, u ġellewż, li kien jitqassam mat-triq huma u sejrin lejn il-knisja l-għarajjes ta' familji tat-tajjeb għaċ-ċerimonja tat-tieġ.*[1]

Il-folklorista jkompli jgħarrafna li min jerfa' l-Qarċilla u ċ-ċestin bil-maktur, l-għarajjes kien jagħtuh rigal ukoll – qagħqa kbira msejħa **kollura**, li kienet tkun imdendla f'għonqhom ma' xalpa tal-buxakka minn fuq l-ispalla tax-xellug għall-ġenb tal-lemin.[2]

Il-poeta Bormliż Dun Feliċ Demarco sa mis-sena 1760 jagħti spjegazzjoni oħra tal-Qarċilla. Huwa jfakkar li l-Qarċilla hi farsa li sa mitt sena ilu kienet issir fil-ġranet tal-Karnival, il-Belt, u anke f'xi rħula. Il-kliem tagħha kien mimli ħmerijiet u botti. L-eqdem Qarċilla li nafu biha s'issa hi dik ta' Dun Feliċ innifsu miktuba għall-karnival tal-1760.[3]

Jidher li maż-żmien il-kelma Qarċilla kisbet tifsiriet sekondarji oħra barra minn dik marbuta maċ-ċerimonja taż-żwieġ u dik ta' reċta fiż-żmien tal-karnival. Bla dubju ta' xejn l-aktar tradizzjoni popolari mal-klassi l-baxxa fis-seklu 18 kienet dik ir-reċta karnivaleska. Il-farsa tikkonsisti f'raġel liebes ta' nutar bis-surtun, bastun, b'nofs tomna f'rasu, u bil-lunetta f'għajn waħda, għaddej mit-triq b'reġistru f'idu. Raġel ieħor jakkumpanjah, u jagħmilha ta' xhud jew tal-għarus, iġorr fuq rasu ġewlaq li fih kien ikun hemm l-għarusa magħmula mill-għaġina. Ruxxmata tfal u nies oħra jiġru warajh. L-atturi jieqfu f'kull kantuniera biex jipproklamaw biż-żuffjett, kitba versifikata taż-żwieġ. Malli jinqara l-kuntratt, in-nies miġbura tinfexx tqatta' u tiekol mill-għarusa tal-għaġina. Maż-żmien l-għarusa nbidlet f'mara reali.

## IN-NUTAR

Fil-fehma tiegħi nħoss li għandi naqbel mal-ispjegazzjoni li jagħti Ġużè Cassar Pullicino tal-kelma t-tajba oriġinali "Qarċilla" – għax nifhem li hija marbuta maċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ kif kien

Kull darba li n-nutar jieqaf u jiftaħ ħalqu biex jibda jaqra, leħnu jintradam fost l-għajjat, żuffjett u suttar. Bħalma tistgħu taħsbu, il-versi huma mimlijin ċajt goff, u oħrajn mhux xierqa. 'Il quddiem insibu dan:

*Ukoll tagħmillu patt*
*Li l-għarusa hija tewmija,*
*U minn wara ftit ħotbija.*
*Widnejha naqra kbar*
*U ħalqha nitfa kbir*
*Geddumha bħal tal-ħanżir.*[4]



Statwetta folkloristika tan-Nutar bis-surtun, bastun, b'nofs tomna f'rasu, bil-lunetta f'għajn waħda u reġistru f'idu. (Mill-kollezzjoni ta' George Cilia)



Statwetti folkloristiċi tal-Qarċilla, in-Nutar, u l-Ħuttab (Mill-kollezzjoni ta' George Cilia)

isir mitejn sena ilu. Maż-żminijiet din id-drawwa sfumat fix-xejn iżda baqgħet titfakkar b'mod karnivalesk sa din is-sena (2014). In-nutar u l-ħuttab baqgħu dejjem żewġ atturi prinċipali fost id-drawwiet tagħna, jimlew bi lwien imżewqa l-ħajja Maltija. In-nutar dejjem huwa bniedem irrispettat, flimkien mal-kappillan, l-ispiżjar u l-ispettur tar-raħal, aktarx, jekk mhux dejjem, ikun mistieden għall-festa tat-tieġ. Dari, il-kitba taż-żwieġ kienu jinsistu għaliha omm u missier l-għarusa. Għalhekk, lejlet it-tieġ issir din il-kitba fejn jitniżżel dak kollu li se tieħu l-għarusa bħala dota – bini, ilbies, raba', bhejjem, u flus. L-għarus ukoll iwiegħed xi ġid dotarju lill-għarusa. Bħala rigal tax-xogħol tiegħu, in-nutar jistħoqqlu dundjan, jistednuh għall-mejda, u jqegħduh ħdejn l-għarajjes. Skont it-tradizzjoni:

*Fl-iskrittura Matrimonjali*
*Jagħmlu l-pattijiet konjugali*
*Li joħodha l-festi prinċipali*
*Jonsobha fuq il-ħajt*
*Jixtrilha xriek qubbajt*
*Li jkun tal-qannebusa*
*Għax minnu tiggosta l-għarusa.*[4]

## IL-ĦUTTAB

Iż-żmien li qed nirrakkontaw fuqu huwa differenti ħafna miż-żmien tal-lum. Meta xebba tkun lesta għaż-żwieġ kienet titpoġġa qasrija tal-ħabaq f'ħoġor it-tieqa li tagħti fuq it-triq tad-dar tagħha. Jekk ġuvni mistħi jkollu l-intenzjoni li jiżżewweġ lil dik ix-xebba, l-aħjar mezz li kellu kien li jqabbad ħuttab biex iwassal il-messaġġ lill-ġenituri tat-tfajla. Il-ħuttab jew ħuttaba kien bniedem xiħ, magħruf għal dan ix-xogħol, li kapaċi jirranġa malajr b'wiċċ il-ġid bejn iż-żewġ familji. Il-ħuttab kien ukoll iħallas għannej sabiex dan ikanta kanzunetta ta' tifħir lix-xbejba taħt it-tieqa bil-qasrija; ifaħħar lill-familja aktar milli ħaqqhom sakemm jibda n-namur u jseħħ iż-żwieġ. Kull par għal paru. B'hekk iż-żwieġ, bil-għajnuna tal-ħuttab jirnexxi, waqt li l-promotur jitħallas tax-xogħol siewi tiegħu. Min jaf kemm wegħdiet ta' flus ikun hemm lesti jekk kollox imur tajjeb. L-għannej ħaqqu xi patakka wkoll għat-tqabbil imqanqal tiegħu. Isimgħuh:

*Xtaqt nisma' kelma minn fommok,*
*Kelma ċkejkna ċkejkna,*
*Dik suritha nar u għasel,*
*Qiegħda ġo qalbek maħżuna.*
*Staqsejtek jekk tħobbnix, xejn ma weġibtni,*
*Biss ġewwa ħbub għajnejk minn lewn is-sema,*
*Rajt bħal xrara tan-nar tixgħel u taħrab.*
*Ma fhimtx u bqajt nistenna,*
*Jekk ewwella tiġix xi siegħa ħelwa,*
*Li tagħtini tweġiba.*

Tal-Qarċilla, in-nutar, il-ħuttab, l-għana tal-maħbubin, tista' tgħid li ntesew għalkollox. Illum dawn id-drawwiet kemxejn ma jqabbdukx id-daħk meta taqra fuqhom. F'dawk iż-żminijiet kienu jinħassu meħtieġa.

M'hemmx għalfejn nikteb jien kif isiru f'dan is-seklu dawn l-affarijiet – kulħadd jaf, jisma', u jara b'għajnejh x'inhu għaddej f'pajjiżna. Intant, it-tliet persunaġġi tant magħrufa fl-imgħoddi reġgħu bdew jitfakkru fil-jiem tal-bluha karnivaleska, biex jallegraw lill-poplu u lit-turisti li jiġu jżuruna fil-ġranet tal-Karnival.

*Endnotes*

1. Ġużè Cassar Pullicino, Il-Folklor Malti.
2. Ibid.
3. Ara l-ktieb *Dun Feliċ Demarco u l-Qarċilla fil-Karnival tal-1760*, ta' Conrad Fenech (Horizon: Malta, 2013).
4. Ibid, 105.
5. Rafel Bonnici Calì, *Kitbiet Imżewqa*, 128.